**Minuti tat-tnejn u ħamsin (52) laqgħa tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Fontana li saret nhar il-Ħamis 27 ta' Ottubru 2016 fil-5.30pm fis-Sala tal-Kommunita'.**

Preżenti għal-laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |
| | |
| Is-Sur Ivan Attard | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

1. Talba, Qari u Approvazzjoni tal-Minuti u punti mqajma mill-minuti

1.1 Il-laqgħa ġiet ippreseduta mis-Sindku Saviour Borg u bdiet b'talba.

1.2 Wara li l-minuti ġew meħuda bħala moqrija, is-Sindku Saviour Borg staqsa lill-Kunsilliera jekk xtaqux iressqu xi korrezzjonijiet.

Il-Kunsillier Horace Micallef qal li għandha tiżdied sentenza f'paragrafu 2.13 li tgħid li, fil-laqgħa preċedenti, hu qal li s-Sindku messu nforma lill-Kunsill mill-ewwel malli sar jaf li d-delegazzjoni minn Serrone kienet ser tkun magħmula minn disa' persuni flok tnejn. B'hekk, konna naraw kif nistgħu nsolvu l-problema u mhux ma ġie ħadd u b'hekk deher ikrah il-Kunsill. Is-Sindku Saviour Borg qal li din is-sentenza ma ntqalitx u barra minn hekk sar jaf li ġejjin disgħa jumejn qabel. Huwa staqsa lill-Kunsilliera x'jaħsbu rigward din il-korrezzjoni. Peress li ma kienx hemm qbil fuqha għal raġunijiet differenti, ittieħdet votazzjoni. B'żewġ voti favur (Horace Micallef u Mario Mercieca) u tlieta kontra (Saviour Borg, Victor Cefai u Carmel Farrugia), din il-korrezzjoni proposta mill-Kunsillier Horace Micallef ma ġietx approvata.

Iż-żewġ korrezzjonijiet l-oħra li ġew proposti mill-Kunsilliera Horace Micallef u Mario Mercieca ġew approvati unanimament u għaldaqstant, il-minuti tal-laqgħa numru 51 li saret nhar il-Ġimgħa 30 ta' Settembru 2016 ġew approvati kif emendati u iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

Sabiex ma jkunx hemm dubju dwar x'ikun verament intqal waqt il-laqgħat tal-Kunsill, fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li b'effett mix-xahar li ġej, il-laqgħat jibdew jiġu rekordjati kif kien isir fil-passat riċenti.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Punti mqajma mill-minuti

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li:

1.3 Ġie konfermat min-naħa tal-*accountant* Daniel Galea li l-aħħar pagament dovut lill-Kunsill għall-parteċipazzjoni tiegħu fl-iskema CIES, fejn kellna lis-Sinjorina Christine Fenech impjegata magħna, daħal fil-kont bankarju tal-Kunsill.

1.4 Is-Sur William Sultana ġie fl-uffiċċju tal-Kunsill u ta struzzjonijiet lill-iskrivan Christopher Buhagiar dwar kif għandhom jittellgħu l-fuljetti 'Leħen il-Kunsill' u tagħrif ieħor dwar il-Kunsill Lokali fuq is-sit elettroniku tagħna. Għandna naraw li l-iskrivan jaġġorna regolarment dan is-sit bl-aħħar aħbarijiet tal-Kunsill, bħala parti mix-xogħol tiegħu.

1.5 Wara li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali informa lill-Kunsilli Lokali li l-vaċċin kontra l-influwenza staġjonali ser jibda jingħata mis-7 ta' Novembru 'l quddiem, għandna navviċinaw lil Dr. Mario Saliba biex naraw il-possibilita' li dan is-servizz nagħtuh nhar is-Sibt 12 ta' Novembru mit-8.30am 'il quddiem fis-Sala tal-Komunita'. Dan is-servizz ser jingħata biss lil dawk li rreġistraw għalih.

1.6 Għandna nivverifikaw mal-kumpanija GO plc rigward il-linja tal-*fax* biex naraw jekk din hix qed tintuża wkoll għall-*wi-fi.* F'każ li din mhix qed tintuża għas-servizz tal-*wi-fi,* il-Kunsill qabel li għandna nwaqqfu din il-linja biex ma nħallsux kontijiet bla bżonn.

1.7 Ġiet mislufa tabella tan-*no entry* fi Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali bil-għan li vetturi ma jkunux jistgħu jidħlu f'din it-triq fil-ħinijiet li fihom ikunu għaddejjin il-lezzjonijiet tal-katekiżmu. Din it-tabella qed jieħu ħsieb ipoġġiha fil-post is-sagristan.

1.8 Irċivejna ittra mingħand Transport Malta b'risposta għat-talba li għamilna sabiex Triq il-Qalb ta' Ġesu' issir iż-żewġ naħat bil-*parking permit,* li fiha ġejna nfurmati li bħalissa l-Ministeru tat-Trasport mhux jawtorizza żoni ġodda simili.

1.9 Matul ix-xahar ta' Ottubru, beda u qed jitkompla x-xogħol ta' manutenzjoni neċessarja fuq il-bankini ta' Triq il-Għajn. Dan ix-xogħol qed isir mill-ħaddiem assenjat mal-Kunsill, Emmanuel Buttigieg, flimkien mas-Sur Emmanuel Conti li qed jieħu ħsieb iġorr ir-ramel u s-siment li jinxtara.

2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li:


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

2.1 Nhar it-Tnejn 10 ta' Ottubru 2016, saret kopja ta' ritratt qadim tal-Għajn il-Kbira ta' qabel il-gwerra li jinsab fl-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex. Dan ser jintuża bħala parti minn *feature* li ser jintwera fil-*Junior Eurovision Song Contest*.

2.2 Nhar it-Tnejn 10 ta' Ottubru 2016 saret ukoll l-ewwel laqgħa tal-bord dwar il-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv fuq bażi *part-time*.

2.3 Nhar it-Tnejn 17 ta' Ottubru 2016, il-Kunsill beda jipparteċipa f'wirja dwar in-niċeċ Għawdxin li qed issir fl-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex. Għal din l-okkażjoni, qed jiġu esebiti ritratti tan-niċċa tas-Salvatur, tal-Kunċizzjoni u ta' fuq l-Għajn il-Kbira.

2.4 Nhar il-Ġimgħa 21 ta' Ottubru 2016, is-Sindku attenda għal laqgħa oħra tal-Kumitat Reġjonali għal Għawdex li saret fil-*Banca Giuaratale*.

2.5 Nhar il-Ġimgħa 21 ta' Ottubru 2016, ingħata bidu għal kors ieħor organizzat mill-iskema tal-*Lifelong Learning* fis-Sala tal-Komunita' dwar *patchwork*.

2.6 Nhar it-Tlieta 25 ta' Ottubru 2016, saret it-tieni laqgħa tal-bord dwar il-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid fuq bażi *part-time*.

2.7 Nhar l-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2016 beda kors ta' taħriġ dwar is-saħħa fiżika fis-Sala tal-Komunita'. Dan il-kors huwa wkoll forma ta' kompetizzjoni fejn it-tliet persuni li jitilfu l-aktar piż fit-tmien ġimgħat li jtul il-kors jirbħu premju.

2.8 Għandna niċċekkjaw mal-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Daniel Galea, biex naraw jekk il-flus dovuti lilna għax-xogħol ta' restawr li għamilna fuq in-niċċa tal-Kunċizzjoni daħlux fil-kont bankarju tal-Kunsill. Dan ix-xogħol kien ġie iffinanzjat mill-iskema ta' finanzjament għal restawr ta' niċeċ u postijiet storiċi żgħar imnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.9 Il-kuntrattur Nicholas Zammit li huwa responsabbli mill-ġbir tal-iskart goff fil-lokalita' tagħna ġedded il-garanzija bankarja tiegħu li issa tiskadi fit-3 ta' Settembru 2017. Minn din il-garanzija, għandu jingħata l-ammont ta' € 125 kif ġie deċiż fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

2.10 Għandna nkellmu lis-Sur Jason Curmi, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat u membru fil-bord tal-għażla għal post ta' skrivan mal-Kunsill Lokali tal-Fontana, sabiex naraw il-possibilita' li l-*box file* li fih ir-riżultati ta' kull kandidat li resaq għall-*interview* jerġa' jiġi issiġġillat. Dan skont kif ġie deċiż f'laqgħat preċedenti tal-Kunsill u biex l-affarijiet isiru skont ir-regolamenti.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

2.11 Għandna navviċinaw lis-Sur Mario Salerno sabiex naraw meta hu possibbli li jingħata bidu għall-kors tal-bexx immirat għall-bdiewa. Dan il-kors ilu li ġie approvat mill-Kunsill pero' baqa' qatt ma sar.

2.12 Għandna navvinċinaw lis-Sinjorina Josephine Borg li fis-snin li għaddew tat servizz lill-Kunsill bħala preżentatriċi waqt iċ-ċerimonja ta' Jum il-Fontana li tiġi organizzata f'Diċembru. Is-Sindku qal li, minn informazzjoni li għandu, is-Sinjorina Borg qatt ma tħallset ta' dan is-servizz minkejja li l-Kunsill kien approva dan is-sena li għaddiet. Fid-dawl ta' dan, huwa propona u l-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw magħha dwar il-ħlas li qed titlob għal dan is-servizz biex dan il-każ jingħalaq.

2.13 Twaħħlet il-bandla li kien hemm miksura fil-*playing field* fi Triq Ta' Mulejja. Madankollu, is-Sindku Saviour Borg qal li l-*frame* ta' dan l-apparat tal-logħob li jinkludi wkoll il-bandla mhux qiegħed sod. Għaldaqstant, huwa propona u l-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lis-Sur Mario Mallia sabiex jagħmel ix-xogħol ta' tiswija neċessarja.

2.14 Irċivejna kwotazzjoni mingħand is-Sur Anton Zarb għal xiri ta' żewġ *bollards* biex jeħlu fi Triq l-Għejun. Dawn il-*bollards* kienu jiswew € 135.20 (VAT eskluża) kull waħda iżda, fuq talba tas-Sindku, is-Sur Zarb aċċetta li joffri skont ta' € 5.20 fuq kull waħda. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel unanimament li għandhom jinxtraw dawn il-*bollards* għall-prezz ta' € 130 (VAT eskluża) kull waħda.

2.15 Irċivejna kwotazzjoni oħra mingħand is-Sur Anton Zarb għal xiri ta' erba' *litter bins* għal Triq John Gaspard Le Marchant u Triq il-Kardinal Alessandro Franchi. Minħabba li l-ammont kwotat jaqbeż dak stabbilit fir-Regolamenti Finanzjarji tal-Kunsilli Lokali għal xiri b'*direct order*, is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li għandna nġibu tliet kwotazzjonijiet għax-xiri ta' dawn il-*bins* u nipproċedu bl-irħas waħda.

2.16 Wara li l-iskrivan tal-Kunsill tkellem mas-Sur Jason Debrincat, il-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart fil-lokalita' tagħna, sabiex iġiblna kopja tal-kuntratt li hu għandu mal-Kunsill, is-Sur Debrincat infurmah li hu tilef il-kopja li kellu. Peress li dan il-kuntratt lanqas jista' jinstab fl-uffiċċju tal-Kunsill, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna nitolbu direzzjoni min-naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar kif għandna nipproċedu f'dan il-każ.

2.17 Għandna niktbu ittra lill-Onorevoli Ministru għal Għawdex, Dr. Anton Refalo, li fiha ninfurmawh bil-ħsieb tagħna li ninkludu l-proġett tal-*porfido* tal-bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku li jgħaqqad il-*playing field* maz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali u l-bini tal-ħajt ta' sejjieħ fit-Triq tax-Xlendi (fejn sar it-tindif tal-wied) bħala proġett li jista' jikkwalifika għal fondi ta' Eko-Għawdex. Dan wara


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

talba li l-Ministru kien għamel lill-Kunsill waqt laqgħa li saret fit-30 ta' Mejju li għadda. Il-Kunsillier Horace Micallef propona li f'dan il-proġett għandna ndaħħlu wkoll l-installazzjoni ta' *cameras* tas-sigurta' (CCTV *cameras*) fit-Triq tax-Xlendi (eżattament fil-parti fejn sar ix-xogħol ta' tindif tal-wied). Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

2.18 Wara l-email li rċivejna mingħand is-Sur Joseph Mercieca f'isem il-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana sabiex il-Kunsill jikkollabora ma' din il-Kummissjoni fl-organizazzjoni ta' attivita' soċjo-kulturali lejliet il-festa ta' Sant'Andrija, is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li hu iltaqa' personalment mas-Sur Mercieca minħabba li dan ma setax jattendi għal-laqgħa tal-lum. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li għandna nikkollaboraw ma' din il-Kummissjoni fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' li ser issir nhar is-Sibt 26 ta' Novembru 2016 bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 250 u bil-kundizzjoni li din tiġi inkluża bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum il-Fontana.

Il-Kunsillier Carmel Farrugia talab li jiġi skużat mil-laqgħa minħabba raġunijiet personali fis-6.15pm. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din it-talba.

2.19 Għandna nerġgħu nkellmu lis-Sur Herbert Naudi rigward it-tabella tal-*welcome sign* li hemm fil-bidu ta' Triq l-Isptar San Ġiljan. Dan minħabba li t-tabella l-ġdida għadha ma twaħħlitx minkejja li għaddew kważi disa' xhur minn meta ġie iffirmat il-kuntratt.

2.20 Ninsabu għaddejjin bit-tħejjijiet tagħna għall-*weekend break* li ser jorganizza l-Kunsill bejn il-Ġimgħa 2 u l-Ħadd 4 ta' Diċembru 2016 bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum il-Fontana.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien hemm tibdil fid-dati oriġinali minħabba li bejn it-18 u l-20 ta' Novembru, il-lukandi kollha li tlabna kwotazzjoni mingħandhom jinsabu *fully booked*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard qal li żewġ lukandi biss minn tlieta taw il-kwotazzjoni tagħhom. Il-kwotazzjonijiet huma kif ġej:

| **Isem** | **Twin Room** | **Triple Room** | **Quadruple Room** |
|---|---|---|---|
| Soreda Hotel – id-drinks iridu jitħallsu mir-residenti | € 65.00 | € 57.00 | € 54.00 |
| | | | |
| DB San Antonio Hotel & Spa – id-drinks lokali huma inklużi fil-prezz | € 74.00 | € 68.00 | € 52.00 |


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li għandna nagħżlu l-offerta ta' DB San Antonio Hotel & Spa minħabba li l-prezzijiet u l-kundizzjonijiet li qed toffri huma aktar raġjonevoli. Il-Kunsill qabel ukoll li l-prezzijiet għal dawk li jixtiequ jipparteċipaw għandhom ikunu kif ġej:

Għar-residenti: Double Room – € 84 kull persuna
Triple Room – € 78 kull persuna
Single Room - € 112 kull persuna
Tfal (bejn il-ħames snin u ħdax-il sena) - € 40

Għal dawk li mhumiex residenti: Double Room – € 89 kull persuna
Triple Room – € 83 kull persuna
Single Room - € 117 kull persuna
Tfal (bejn il-ħames snin u ħdax-il sena) - € 45

Dawn il-prezzijiet għandhom ikopru l-ispejjeż li jagħmel il-Kunsill waqt dawn il-jumejn. L-avviż lir-residenti ser jintbagħat il-Ġimgħa 28 ta' Ottubru u huma ser ikunu jistgħu jibbukkjaw fl-uffiċċju tal-Kunsill bejn it-Tnejn 7 u l-Ġimgħa 11 ta' Novembru 2016.

2.21 Is-sitwazzjoni fil-latrina pubblika fi Triq ta' Mulejja baqgħet l-istess mix-xahar 'l ieħor 'l hawn. Dan minkejja li bgħattna diversi ittri lis-Sur Carmel Xerri, il-kuntrattur responsabbli mit-tindif ta' din il-latrina pubblika.

Wara diskussjoni, is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lis-Sur Emmanuel Conti biex jagħmel ix-xogħol ta' tindif li jkun meħtieġ u l-ħlas tiegħu jinqata' mill-ammont li ngħaddu kull xahar lis-Sur Xerri għax-xogħol ta' tindif li suppost qed jagħmel f'dan il-post. Il-ħlas tas-Sur Conti ser ikun ta' € 10 għal kull darba li jitqabbad inaddaf il-latrina. Dan wara li sar kuntatt miegħu waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

3. <u>Il-proċess tal-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid</u>

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li matul ix-xahar ta' Ottubru, il-bord tal-għażla tas-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid iltaqa' darbtejn sabiex jevalwa l-applikazzjonijiet li daħlu u jħejji għall-*interviews* tal-kandidati eliġibbli.

Is-Sindku qal li hemm ħames kandidati eliġibbli għal din il-kariga u dawn ser jissejħu għall-*interview* nhar it-Tnejn 21 ta' Novembru 2016 mill-4pm 'l quddiem.

4. <u>L-attivitajiet ta' Jum il-Fontana 2016</u>


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li ninsabu għaddejjin bit-tħejjijiet tagħna għall-organizazzjoni tal-attivitajiet ta' Jum il-Fontana 2016. Il-programm ta' attivitajiet ser ikun jikkonsisti f'li ġej:

Nhar is-Sibt 26 ta' Novembru ser issir attivita' soċjali fis-sala tal-komunita' organizzata mill-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Nhar il-Ħamis 1 ta' Diċembru ser issir Quddiesa ta' radd il-ħajr fis-Santwarju Parrokkjali tal-Qalb ta' Ġesu' fis-6pm segwita minn ċerimonja ta' tqegħid ta' kuruni f'riġlejn il-Monument tas-Sajjieda u s-serata soċjo-kulturali ta' Jum il-Lokalita' li matulha jingħata 'Ġieħ il-Fontana'. L-attivitajiet ta' Jum il-Fontana jissoktaw bil-*weekend break* li ser isir bejn il-Ġimgħa 2 u l-Ħadd 4 ta' Diċembru fil-lukanda DB San Antonio Hotel & Spa u jintemmu b'ħarġa soċjo-kulturali f'Għawdex nhar it-Tnejn 12 ta' Diċembru. Il-ħarġa ta' Għawdex ser tibda b'Quddiesa fil-Knisja ta' Ġesu' Nazzarenu, ix-Xagħra, u titkompla bi żjara fil-Mitħna Ta' Kola li ġiet riċentament inawgurata u tintemm bl-ikla ta' nofsinhar f'ristorant lokali.

Rigward l-għoti ta' Ġieħ il-Fontana, is-Sindku Saviour Borg propona li dan l-unur għandu jingħata lir-Rev. Dun Emmanuel Cordina, Direttur Ġenerali u fundatur tal-Fondazzjoni OASI għal dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena, filwaqt li l-Kunsillier Mario Mercieca propona li dan għandu jingħata lis-Sinjura Maria Schembri. Peress li ma kienx hemm qbil unanimu dwar dawn in-nomini, ittieħed votazzjoni.

Bi tliet voti favur (Sindku, Viċi Sindku u Kunsillier Carmel Farrugia) u żewġ voti kontra (Horace Micallef u Mario Mercieca), il-Kunsill qabel li għandu jagħti dan l-unur lir-Rev. Dun Emmanuel Cordina bħala rikonoxximent għall-ħidma tiegħu b'riżq is-soċjeta' Maltija, b'mod partikolari fit-twaqqif tal-Fondazzjoni OASI li tgħin lill-persuni milquta bil-vizzji tax-xorb u tad-droga.

5. Qari tal-Korrispondenza:

5.1 E-mail mingħand Joseph Mercieca li fiha qed jinforma lill-Kunsill li ma jistax jibqa' jservi fil-kariga ta' ambaxxatur lokali taż-żgħażagħ minħabba li għalaq it-tmintax-il sena. Il-Kunsill qabel li għandha tinħareġ applikazzjoni ġdida għal dawk iż-żgħażagħ interessati.

5.2 Ċirkulari numru 29/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u intitolata 'Struzzjonijiet lill-Kunsilli Lokali dwar Tilqim kontra l-influwenza'. Il-Kunsill innota l-kontenut.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

5.3 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar il-programm INTERREG VA Italia-Malta Programme (2014-2020) iffinanzjat minn fondi tal-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.4 Ċirkulari numru 30/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u intitolata 'Ilmenti mressqa quddiem Servizz.Gov'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.5 E-mail mingħand Silvio Frendo, Assistent Direttur fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali tal-Fontana li d-Dipartiment kien approva li Triq il-Għajn u Triq l-Isptar San Ġiljan jingħataw l-asfalt permezz tal-iskema tal-*Public Private Partnership* u għaldaqstant il-Kunsill jista' jipproċedi b'dawn ix-xogħlijiet. Is-Sindku Saviour Borg qal li Triq l-Isptar San Ġiljan ingħatat it-*tarmac* min-naħa tal-Gvern Ċentrali. Huwa innota li s-Sur Frendo qed jibdel id-deċiżjoni tiegħu peress li fix-xhur l-imgħoddija kien qalilna li dawn ma jistgħux isiru.

5.6 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali li r-Reġjun Għawdex għadu kemm ippubblika espressjoni ta' interess għal kiri ta' lok biex iservi ta' uffiċċju amministrattiv għall-Kumitat Reġjonali ta' Għawdex. Ir-Reġjun qed jilqa' l-espressjonijiet ta' interess sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 11 ta' Novembru f'nofsinhar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.7 Ċirkulari numru 54/2016 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-laqgħa għas-Sindki u l-Viċi Sindki li ser issir nhar is-Sibt 5 ta' Novembru 2016 fil-Palazz Verdala, il-Buskett.

5.8 Ittra mingħand Ms. Bernice Micallef, President tal-Moviment *Kerygma*, li fiha qed tinforma lill-Kunsilli Lokali li l-Moviment Kerygma qed jorganizza l-Premju Żagħżugħ tas-Sena bil-għan li joħroġ fil-beraħ l-impenn taż-żgħażagħ b'mod nisrani fis-soċjeta' Maltija. Is-sottomissjonijiet għal dan il-premju jintlaqgħu sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 11 ta' Novembru f'nofsinhar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.9 Direttiva numru 4/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Direttivi dwar Xandir Soċjali (*Social Media*) fil-Kunsilli Lokali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.10 Ċirkulari numru 31/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u intitolata 'Inizjattiva ta' Taħriġ dwar l-Ordnijiet Permanenti'. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard informa lill-Kunsill li ser jattendi hu għal dan it-taħriġ immirat għas-Segretarji Eżekuttivi.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

5.11 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, li fiha qed jistieden lis-Sindki u l-Kunsilliera Għawdxin sabiex jattendu għaċ-ċerimonja li tfakkar Jum Għawdex u li ser issir nhar il-Ħadd 30 ta' Ottubru mill-5.30pm 'il quddiem.

5.12 Ċirkulari numru 32/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u intitolata 'Petty Cash'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.13 Ċirkulari numru 33/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u intitolata 'Assigurazzjoni tal-Assi tal-Kunsill'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.14 E-mail mingħand il-Perit Saviour Micallef għan-nom tal-Parroċċa tal-Fontana li fiha qed jitlob il-*clearance* min-naħa tal-Kunsill sabiex issir alterazzjoni għar-rampa attwali li twassal għaċ-Ċentru Parrokkjali sabiex issir aktar aċċessibbli b'mod partikolari għall-anzjani u l-persuni b'diżabilita'. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li għandu jagħti l-*clearance* mitluba.

5.15 Ċirkulari mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bi stedina mingħand l-Ambaxxata Amerikana f'Malta għal preżentazzjoni dwar l-elezzjonijiet Presidenzjali fl-Amerika. Din il-preżentazzjoni ser issir nhar il-Ħamis 3 ta' Novembru fil-5.30pm fil-bini tal-Ambaxxata Amerikana f'Ta' Qali u għaliha ser ikunu mistiedna s-Sindki u l-Kunsillieri kollha. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.16 Ċirkulari numru 34/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u intitolata 'Proċedura tal-*bye-laws* u *checklist*'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.17 E-mail mingħand is-Sinjura Antonietta Damizia, rappreżentanta tal-Kunsill ta' Serrone fl-Italja, li fiha qed tistaqsi jekk il-Kunsill Lokali tal-Fontana hux ser jattendi għaż-żjara ta' familjarizazzjoni fil-lokalita' tagħhom f'Novembru.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li hu diġa' informa lis-Sinjura Damizia li ħadd min-naħa tagħna mhu ser jattendi. Dan minħabba li l-Kunsillier Horace Micallef biss wera interess u hu ma xtaqx li jmur waħdu għal din iż-żjara. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li hija tal-mistħija li l-Kunsill tagħna għal darb'oħra reġa' waqa' għaċ-ċajt mal-Kunsill ta' Serrone. Dan wara li min-naħa tagħna mhux ser jattendi ħadd għal żjara li tlabna aħna stess. Is-Sur Micallef sostna li l-Kunsill Lokali għandu jiddeċiedi jekk nixtiqux li nkomplu b'dan il-ġemellaġġ jew le għax kull darba qed nħallu lill-Kunsill ta' Serrone jittama għalxejn. Hu qal li jekk il-Kunsill ma ħassx li għandu jagħmel ġemellaġġ, messu ma approvax il-mozzjoni tiegħu mill-ewwel u mhux sar dan ix-xogħol kollu għalxejn. Is-Sindku Saviour Borg irribatta lill-Kunsillier Horace Micallef billi qal li hu kien diġa' informa lill-Kunsill li ma jistax jattendi għal din iż-żjara minħabba raġunijiet personali u għaldaqstant żgur li tistax tintefa' l-ħtija fuqu.

Is-Sindku Saviour Borg staqsa lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv jekk għamilx kuntatt mas-Sur Amabile Zammit rigward il-ġemellaġġ propost mal-lokalita' ta' Aci Castello fi Sqallija. L-Aġent Segretarju wieġeb li għadu qed jistenna l-informazzjoni neċessarja min-naħa tas-Sur Zammit bil-għan li jkun jista' jibda l-kuntatti meħtieġa. Is-Sindku qal li għandna naraw x'qed toffri l-lokalita' l-oħra qabel ma nieħdu deċiżjoni finali jekk għandniex inkomplu bil-proċedura ta' ġemellaġġ. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li jħossu dispjaċut li xi ħaġa li tkun proposta minnu ma tiġix approvata mill-Kunsill filwaqt li jekk l-istess ħaġa tkun prosposta minn xi ħadd ieħor, tkun approvata.

5.18 Ittra mingħand il-Kappillan Dun John Muscat li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali sabiex jikkunsidra li x-xogħol tat-tiżjin tat-toroq fi żmien il-festi tal-Milied jiġi nkarigat lid-dilettanti tal-armar fi ħdan il-Parroċċa. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li f'dan ir-rigward, ix-xogħol tat-tiżjin ta' parti minn Triq il-Għajn u Triq il-Kappillan Hili għandu jingħata lill-*electrician* George Schembri li fis-snin preċedenti ipprovda l-irċevuta fiskali. Rigward ix-xogħol ta' tiżjin ta' Triq John Gaspard Le Marchant u Triq il-Kardinal Alessandro Franchi, dan għandu jingħata lill-*electrician* Michael Bugeja.

Il-Kunsillier Horace Micallef propona li din is-sena għandna nixegħlu l-inħawi tal-Għejjun għal żmien il-festi tal-Milied. Peress li ma kienx hemm qbil dwar din il-proposta, ittieħdet votazzjoni. B'żewġ voti favur (Horace Micallef u Mario Mercieca) u tlieta kontra (Sindku, Viċi Sindku u Carmel Farrugia), il-Kunsill ma qabilx mal-proposta tas-Sur Micallef u dan minħabba nuqqas ta' fondi biżżejjed biex ikun jista' jsir dan. Is-Sindku qal lis-Sur Micallef sabiex jikkunsidra li jressaq it-talba tiegħu biex dan it-tiżjin ikun jista' jsir min-naħa tal-Gvern Ċentrali. Is-Sindku innota wkoll li f'lokalita' żgħira bħal tagħna, diġa' hawn kważi erba' toroq armati għall-Milied.

6. <u>Ilmenti mir-residenti</u>:

6.1 Ilment mingħand Michael Zammit ta' 21, Triq il-Għajn, Fontana li fih qed jgħid li xi nies fit-triq tiegħu qed jarmu l-boroż tal-iskart quddiem il-propjeta' tiegħu. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna nagħtu tabella 'Tarmix Żibel Hawn' lis-Sur Zammit sabiex ikun jista' jwaħħalha mar-residenza tiegħu.

6.2 Ilment mingħand Myriam Buttigieg ta' 'Arden Court', Flat 7, Triq Mons. Mikiel F. Buttigieg, rigward il-problema tal-ħamiem abbandunat li hemm fit-triq tagħha. Dan il-ħamiem abbandunat qed joħloq ħafna ħmieġ li jista' jwassal għall-mard. Is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li għandna norganizzaw sessjoni oħra ta' *pigeon culling* matul ix-xahar ta' Novembru.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

7. Approvazzjoni tal-pagamenti

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill il-lista ta' pagamenti biex jiġu approvati f'din il-laqgħa.

Il-Kunsill qabel unanimament li:

(a) Il-pagament tal-Perit Angelo Portelli għal *tender* li ħadem fis-snin li għaddew għandu jiġi temporanjament sospiż sabiex niċċekkjaw jekk dan it-*tender* kienx verament ippubblikat u

(b) Il-pagament ta' Carmel Xerri relatat mas-servizz ta' tindif u attendenza fil-latrina pubblika matul ix-xahar ta' Ottubru 2016 jiġi mnaqqas bil-persentaġġ li jistipula l-kuntratt tiegħu f'każijiet meta x-xogħol ta' tindif ma jsirx. Għandna wkoll il-kont tat-tiswija tal-*flushing* u t-tindif li ser jagħmel is-Sur Emmanuel Conti skont kif ġie deċiż f'din il-laqgħa.

Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti l-oħra u ċ-ċedola ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

8. Aġġornament

Is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 29 ta' Novembru 2016 fil-5.30pm fis-Sala tal-Kommunita' b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Saviour Borg | Ivan Attard |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555